**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-09 ta' Marzu 2017

Talba Numru: 541/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 14

**Go plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Jacqueline Fenech (I.D.0655863M)**
**37, Flat 1, Triq Nazzarenu,**
**Hamrun**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' hames mija sitta u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€586.55c) in konnessjoni

ma' servizz elettroniku ta' kommunikazzjoni u televizjoni bil-card li gie prestata mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40140908.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' hames mija sitta u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€586.55c).

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra interpellatorja 789/15 tal-25 ta' Mejju, 2015 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-istess ittra, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**